MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 850/1997/1

**Reverendu Joe Borg**

**Vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-17 t'April 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-23 ta' Frar 1997 il-konvenut kien editur tal-gurnal "KULL HADD";

U premess illi l-konvenut Felix Agius bhala editur tal-gurnal "KULL HADD" fil-harga tat-23 ta' Frar, 1997 f'

pagna 5 ppubblika artiklu intestata “12-1” - Dok. A - miktub mill-istess konvenut Felix Agius;

U premess illi bl-imsemmi artiklu tat-23 ta’ Frar 1997 il-konvenut attribwixxa fatti determinanti fil-konfront ta’ l-attur bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

U premess illi l-attur hass ruhu ingurjat u offiz u ghalhekk ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta malafama u libell fil-konfront ta’ l-attur minhabba li l-artiklu fuq imsemmi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li dina l-Qorti tillikwida f’ ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira Maltija (Lm5000) u dana bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li l-attur sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija u dan a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-20 t’April 1998, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-artikolu in kwistjoni ma huwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit il-kummenti ta' l-eccepjenti jikkonsistu f' espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament tieghu u huwa *fair comment*. L-eccepjent ghandu dritt jesprimi l-fehmiet u l-kritika tieghu dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku rikonoxxut kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;

3. Illi konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta' Marzu 2002 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

F' din l-istanza l-attur jghid li hassu libellat bl-artikolu mitbugh fil-gurnal "KULL HADD", fil-harga tat-23 ta' Frar 1997 u li, fost ohrajn, kien jikkontjeni kumment dwar artikolu iffirmat minn "Ganni Borg" li deher fil-harga tal-gurnal "Il-Gens" ta' jumejn qabel;

Fl-Affidavit tieghu (fol. 19) l-attur jippreciza li l-ingurja tikkonsisti fil-kliem riportat illi l-artikolu f' "Il-Gens" "huwa prodott tipiku tal-koppja RCC - Borg" u li "RCC jidher li qed juza l-hbiberija tieghu fosthom dik ma' Fr. Joe Borg ta'

‘Il-Gens’ biex jaghti palata lil Gonzi”. Huwa jikkontendi li l-artikolu f’ “Il-Gens” ma kienx prodott minnu. In partikolari, imbaghad, huwa jiddikjara li hassu offiz mill-fatt li l-artikolu lilu jpingieh bhala parti minn konfoffa nterna fil-Partit Nazzjonalista, proprju f’ idejn RCC, parti minn fazzjoni ta’ l-imsemmi partit fi glieda kontra parti ohra, u, fuq kollox, li bl-allegat involviment tieghu hu gie li sfida d-direttiva ta’ l-Arcisqof kontra l-indhil tal-qassisin fil-politika;

In kontro-ezami l-attur, filwaqt li jirrikonoxxi li hu habib ta’ RCC u li thaddtu fuq grajjiet kurrenti, fil-kaz tal-*leadership* tal-P.N. ma tkellmux;

Minn naha tieghu l-konvenut jiddefendi ruhu b’ dan il-mod:-

(a) Fl-artikolu kontestat ma ntqalx li l-artikolu li deher f’ “Il-Gens” inkiteb mill-attur;

(b) Hu ried ifisser li gjaladarba l-attur kien simpatizzant nazzjonalista, kien imexxi l-Media Centre tal-Knisja responsabbli mill-gurnal “Il-Gens”, dan kellu influwenza fil-*policies* ta’ l-istess media. *Policies*, li skond il-konvenut, kellhom *slant* politiku kontra l-politika u t-twemmin tal-Partit Laburista. Huwa fisser li minhabba dawn ir-ragunijiet li kkummenta li l-artikolu li deher f’ “Il-Gens” kien prodott tipiku tal-linja ta’ l-attur;

(c) Il-fehma tieghu kienet imsejsa fuq dawn ir-ragunijiet u msahha mill-fatt illi l-attur qatt ma ddizassocja ruhu mill-kontenut jew il-linja ta’ dak li kien jinkiteb jew jixxandar fuq il-media li kien imexxi;

Premessi dawn il-posizzjonijiet tal-kontendenti, jibda biex jigi osservat illi, kif maghruf, id-dritt tal-kritika mhuwiex *a priori* vjetat anke jekk dan joffendi r-reputazzjoni tal-persuna kritikata, ghax allura, xort’ ohra, jkun ifisser li d-dritt l-iehor tal-hsieb liberu, kostituzzjonalment imhares, jigi newtralizzat. Dan hu hekk maggorment fejn il-kritika

tkun diretta lejn persuni li jizvolgu attivita` tali li tirrikjama fuqhom l-attenzjoni ta’ l-opinjoni pubblika;

Hija haga notorja illi wiehed mill-attribuzzjonijiet ta’ gurnal politiku huwa proprjament dak li jaghmel kritika tal-kondotta politika ta’ persunaggi pubblici. *Qua* gurnalist, l-attur indubbjament jirrivesti din il-libsa u hu ekwiparat ma’ figura pubblika. Kif drabi ohra rilevat, “daqskemm il-parametri tal-kritika qed jitwessghu dejjem aktar fil-konfront tal-politika u tal-persuni li jokkupaw ufficcju pubbliku, daqstant iehor qed jitwessghu wkoll ghall-gurnalist” (“**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**”, Appell, 27 ta’ April 2001);

Meta allura l-artikolista jzomm ruhu li jikkritika jew jikkummenta dwar l-inklinazzjonijiet politici ta’ gurnalist iehor, dik il-kritika bhala mizmuma fil-limiti gusti ma taqax taht is-sanzjonijiet tal-ligi. Hu biss fejn l-artikolist jitbieghed minn dik il-kritika illi allura l-artikolu jista’ jitqies libelluz;

Intqal mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (**Numru 370, 15 ta’ Jannar 2002**) illi “*il diritto di critica (da distinguersi dal diritto di cronaca che non si concreta in un giudizio soggettivo, ma nella sola narrazione di fatti), allorche` s’ implichi un giudizio di disvalore, idoneo ad incidere sulla reputazione e sul prestigio professionale della persona nei cui confronti la critica e` rivolta, e` condizionato, quanto alla legittimita` del suo esercizio, all’ osservanza del limite della continenza, il quale viene in considerazione non solo sotto l’ aspetto della correttezza formale dell’ esposizione, ma anche sotto il profilo sostanziale consistente nel non eccedere i limiti di quanto strettamente necessario per l’ appagamento del pubblico interesse e postula che il giudizio di disvalore incidente sull’ onore e sulla reputazione sia espressa non in termini assiomatici ma accompagnato da congrua motivazione. L’ inosservanza di sifatti limiti rende inapplicabile la scriminante e obbliga l’ autore del fatto al risarcimento dei danni.*”;

Precizat il-premess, f' materja ta' libell dak li hu importanti huwa mhux li wiehed jara x' kellu f' rasu min kiteb l-artikolu imma trid tara jekk bniedem ragonevoli u ta' intelligenza ordinarja jifhemx il-kliem bhala ingurjuzi (**Kollez. Vol. XLIII P IV P 1103**). Mill-banda l-ohra wiehed ghandu jara jekk l-artikolu nkriminat huwiex verament ingurjuz kif jippretendi l-attur (**Kollez. Vol. XLII P IV p 1526**);

F' materja ta' libell hu principju li meta l-attur jew il-kwerelant jaghzel li jindika l-"innuendo" ingurjuz li hu jirrikava mill-artikolu nkriminat allura huwa jkun marbut li jipprova illi l-kliem oggezzjonat jimplika s-sinifikat li hu jaghti lil dak il-kliem (**Kollez. Vol. XLIII P IV p 1056**);

Issa ma jistax ikun dubitat illi l-allegazzjoni biss li xi hadd kien habib ta' xi hadd, li jgawdi kariga gholja u nfluwenti fil-Partit Nazzjonalista, ma jistax jitqies fih innifsu malafamanti. "L-innuendo allura kellha tmur oltre s-semplici kostatazzjoni tal-fatt tal-hbiberija" ("**Mifsud -vs- Caruana Galizia**", *ibid*.);

Kif gja manifest, huwa konsentit lill-konvenut-artikolist li jifforma u jesprimi l-veduti u opinjonijiet tieghu bil-latitudni kollha permissibbli ghal-libera espressjoni f' materja ta' interess politiku pubbliku. Sostanzjalment l-artikolu, oltre li jispecifika l-hbiberija u t-tandem "RCC - Borg", imur aktar 'l hinn minn din l-affermazzjoni. Hija attribwita lill-attur kondotta li hu kien qieghed flimkien ma' RCC jippropaganda l-ghazla ta' Dr. Gonzi ghal-*leadership* tal-Partit Nazzjonalista f' taqtigha nterna kontra ohrajn. Hi din l-attribuzzjoni li fil-fehma tal-Qorti taghti malafama lill-attur. Xejn ma jiswa dak depost mill-konvenut illi l-attur hu maghruf bhala simpatizzant nazzjonalista u li jittollera kitbiet fil-gurnal "Il-Gens" kontra l-politika laburista quddiem l-addebitu specifiku li f' dan il-kaz huwa ntriga ruhu biex jaghti palata lill-konkorrent wiehed kontra ohrajn. Hi l-alluzjoni ghall-involviment f' dawn l-intricci li

tista' titqies libelluza.  *Multo magis*, imbaghad, meta tali nvolviment ikun kontra d-divjet espress ta' l-Arcisqof;

Taht dan il-profil din il-Qorti ma tarax kif il-konvenut jew l-innuendo rikavat jista' jitqies gust meta ma giex provat sodisfacentement li n-narrazzjoni kienet sostanzjalment ezatta tal-fatti li fuqhom il-kumment gie bazat.  Il-messagg intenzjonat li jigi trasmess, u li l-qarrej ordinarju seta' jaqra fil-kliem denunzjat, kien dak li l-artikolist kien qed jinsinwa li l-attur kellu xi interess jappoggja pubblikament fazzjoni wahda kontra ohra;

Tenut kont tal-mizura ta' l-ingurja, bl-adoperu tat-test tar-ragonevolezza u tal-proporzjonalita` hi l-fehma ta' din il-Qorti illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz konkret, id-danni likwidati fl-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) ghandhom jitqiesu adegwati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' malafama fil-konfront ta' l-attur bl-artikolu mitbugh fil-gurnal "KULL HADD" fil-harga tat-23 ta' Frar 1997 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) in linea ta' danni;

L-ispejjez tal-kawza jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------